## KUNSILL LOKALI ISLA

## IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU WIEĦED U TLETIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar L-Erbgħa 10 ta' Jannar, 2007 fis-6.15pm.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku | 6.15pm |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku | 6.15pm |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | 6.15pm |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier | 6.15pm |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv | |
| Udjenza : | 0 | | | |

### AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 30
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Xogħol Triq iż-Żewġ Mini
5. Tenders House Collection
6. Tenders Sweeping, Bulky Refuse, Soft Areas, Upgrading Dawl Ġnien il-Gardjola
7. Sotto Kumitat Konsultattiv
8. Kumitat Qualicities
9. Tiżjin ta' Gallarijiet
10. Petizzjoni Resident Triq is-Sur
11. Proġett 'Meeting Citizens'
12. Ħlas ta' pagamenti

## 31 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 30

Il-Viċl Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, approva li il-minuti tal-laqgħa nru. 30 jiġu meħuda bħala moqrija u approvati.

Il-Kunsill approva il-minuti unanimament.

## 31 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha

Is-Sindku Joseph Casha ta' rendikont tal-laqgħat u il-ħidma li wettaq dan il-Kunsill mill-aħħar laqgħa ta' l-istess Kunsill.

31 (2) 1 **Seminar 'Eżempji ta' Prattiċita Tajba – EU Funding (15 ta' Jannar 2007)**

Dan is-Seminar ġie mtella bil-parteċipazzjoni ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, id-Dipartiment Kunsilli Lokali u l-AKLSM u sar fil-Westin Dragonara Hotel.

Diversi Kunsilli ippreżentaw il-ħidma tagħhom fi proġetti imtella minnhom fil-lokal bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Is-Sindku Joseph Casha għamel preżentazzjoni ta' l-esperjenzi li kellu dan il-Kunsill. Għal dan is-seminar attendew ukoll is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit u Ms Monica Formosa.

31 (2) 2 **Publikazzjoni ta' ktejjeb dwar l-Isla (28 ta' Diċembru 2006)**

Wara li is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-sur Joe Abela, is-sur Joe Abela wera ix-xewqa li jippublika ktejjeb ta' madwar 80 paġna bil-lingwa Ingliża dwar l-Isla. Huwa diġa beda ir-riċerka u xogħo ieħor meħtieġ.

Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jgħinu finanzjarjament biex jippublika dan il-ktejjeb għal żmien il-festa ta' Maria Bambina. Din il-publikazzjoni tista tqum bejn Lm500 u Lm900.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li din hija inizjattiva pożittiva u utli tant li il-Kunsill lest li jikkunsidra li jiffinanzja parti minn din il-publikazzjoni filwaqt li flimkien mas-sur Abela jaħdmu biex jinsabu sponsors oħra għal din il-publikazzjoni.

31 (2) 3 **Europe Direct (5 ta' Jannar 2007)**

F'din il-laqgħa li saret fl-uffiċċju ta' l-organizzazjoni Europe Direct, is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit esploraw il-possibilita' u il-potenzjalita' ta' kif din l-organizzazjoni tista tgħin il-Kunsill biex jinġibu fondi mill-Unjoni Ewropeja għal proġetti li il-Kunsill qed juri ix-xewqa li jidħol għalihom fix-xhur li ġejjin.

Sar qbil li il-Europe Direct jipproponu brief dwar kif dan jista' jsir fuq bażi ta' ftehim bejn iż-żewġ naħat.

31 (2) 4 **Proġett Qualiticities (8 ta' Jannar 2007)**

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali ta' Bormla biex jiġi diskuss il-programm u x'hemm bżonn isir dwar l-għeluq ta' dan il-proġett issa li ġej fit-tmiem. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit għal Kunsill Lokali Isla u is-Sindku Joe Scerri u Duncan Hall għal Kunsill Lokali Bormla.

Sar qbil li kull kunsill jaħtar il-kumitat tiegħu ta' konsultazzjoni biex jintlaħqu il-miri (good practices) kif stabbiliti u mitluba f'dan il-proġett.

Finalment dan il-kumitat sejjer ikun vitali biex jinħareġ ir-rapport finali u jgħatu il-veduti tagħhom waqt l-audit li sejjer isir mil-Qualiticities Auditor f'April li ġej.

31 (2) 5 **Paragon Ltd. (8 ta' Jannar 2007)**

Fuq talba tal-Kunsill saret laqgħa fl-uffiċju tal-Paragon Ltd. fil-Mosta dwar bdil f'ċerti klawsoli li ġew mdaħħla fil-kuntratt u li il-Kunsill ma kienx qed jaqbel fuqhom għax dawn qatt ma kienu diskussi aktar u aktar li qatt ma kien hemm qbil fuqhom.

Il-kumpanija aċċettat li jsir bdil f'ċerti klawżoli kif kien qed jipproponi li jsir il-Kunsill. Kellu jintbagħat draft ieħor tal-kuntratt propost bit-tibdiliet li ġew proposti mill-Kunsill. Kellhom jintbagħtu wkoll invoices separati għal kull proġett propost skond il-ftehim rivedut.

F'din il-laqgħa kien preżenti Mr. Michael Debono CEO u Diane mil-Paragon Ltd. u is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit għal Kunsill Lokali Isla.

31 (2) 6 **Impetus Ltd. (Laqgħa) (9 ta' Jannar 2007)**

Saret preżentazzjoni mis-sur Marvin Cuschieri dwar is-servizzi u il-programmii ta' l-Unjoni Ewropeja li din il-kumpanija toffri bħala konsulenza għal fondi mill-Unjoni Ewropeja għal proġetti li il-Kunsill jista jinteressa ruħu fihom fil-futur.

Sar qbil li ssir laqgħa oħra ftit jiem wara fejn ikun hemm preżenti ħaddieħor mid-dipartiment tal-finanzi biex jiġu diskussi l-ispejjeż u il-finanzi involuti għas-servizzi li l-Impetus Ltd. tkun qed toffri lill-Kunsill.

F'din il-laqgħa li saret fl-uffiċju tal-Kunsill kien hemm preżenti Marvin Cuschieri għal Impetus Ltd. u is-Sindku Joseph Casha u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit għal Kunsill Lokali Isla.

31 (2) 7 **New Project Culture (Eurosportello – Politiche Comunitarie)**

Dan il-proġett li qed jiġi propost mir-Reġjun ta' Abruzzu lil dan il-Kunsill bħala sieħeb fil-proġett jaqa' taħt il-programm ta' l-Unjoni Ewropeja Culture Programme (2007 – 2013) Support for Cultural Action.

L-għan ta' dan il-proġett huwa li tinħoloq mobilita' transnazzjonali ta' dawk li jaħdmu il-bizzilla u kemm ir-rwol ta' dan l-artiġjanat huwa importanti biex it-tagħrif, it-tagħlim, u l-esperjenza tissaħaħ u tinxtered aktar fil-pajjiżi parteċipanti.

Aktar dettalji dwar dan il-proġett huma mehmuża ma dawn il-minuti.

31 (2) 8 **Skemi E.T.C.**

Mil-laqgħa li kellu is-Sindku Joseph Casha ma uffiċjal ta' l-E.T.C. jidher li hemm diversi skemi li jistgħu jiġu applikati fil-lokal mil-Kunsill fuq bażi ta' koperattiva. Hemm diġa min qed juża dan it-tip ta' servizz billi titwaqqaf koperattiva minn individwi (l-inqas seba') biex jidħlu għal kuntatti ta' xogħol.

'Job Experience Scheme' - Din hija skema oħra fejn studenti għal tlett xhur jgħatu servizz fil-komunita' bl-għajnuna (mhux finanzjarja) tal-Kunsill.

Hemm il-ħsieb li ssir laqgħa ma' l-E.T.C. f'dan ir-rigward.

31 (2) 9 **Programm fuq Smash T.V. mis-Senglea Nursery**

Is-Sindku Joseph Casha ilmenta li f'dan il-programm il-Kunsill tpoġġa f'dawl ikrah. Waqt dan il-programm ġie muri l-istat ħażin tal-Ground tal-Ponta inkluż ħmieġ tal-klieb. Minn naħa l-oħra deher il-bejt tas-Sede li ġie magħżul mil-Kumitat tan-Nursery bħala alternattiva biex it-tfal jittrenjaw fih. Il-kumitat kif ukoll il-coaches tan-Nursery jiddikjaraw li fejn qegħdin jittrenjaw huwa perikoluż ħafna u jżomm ħafna ilma u li il-bejt huwa bil-madum u jiżloq ħafna.

Ġie innotat li waqt dan il-programm ma kien hemm ebda kumment pożittiv favur il-Kunsill la mill-ġenituri u l-anqas mil-President ta' l-istess Nursery. Ġie msemmi biss li il-Kunsill ser joħroġ il-flus jekk il-proġett isir.

Għalkemm saru ringrazzjamenti lil kulħadd, fosthom lil Arċipriet u lil M.F.A, il-Kunsill ma ssemmiex. Tħalla barra minkejja li kemm il-darba dan il-Kunsill għen lin-Nursery..

Ħadd mill-ġenituri ma kien kapaċi jgħid li il-permessi huma miżmuma mil-Mepa. Anzi ingħata x'jinftiehem li dan il-ground ma sarx minħabba il-Kunsill.

31 (2) 10 **Korrispondenza mill-5 ta' Diċembru 2006 – l-10 ta' Jannar 2007**

| | |
|---|---|
| **04/2306/06/I** | **Permessi Mepa**<br><br>Il-Kunsill ġie nfurmat li il-permess f'site 70, Triq il-Vitorja, Isla. ġie miżmum. |
| **04/2307/06/I** | **Ftehim ma l-Enemalta għad-Devoluzzjoni ta' lampi u arbli**<br><br>Dan qed isir biex dan jaqgħu taħt ir-reponsabbilita' tal-Kunsill minkejja li fl-allokazzjoni mil-Gvern Ċentrali lil Kunsill ma hemm l-ebda żieda ta' fondi biex jagħmlu tajjeb għal dan.<br><br>L-Assoċċjazjoni Kunsilli Lokali qed jittrataw dan ma' l-EneMalta. |
| **04/2315/06/I** | **Kors tal-computers fil-Kunsill**<br><br>Charles Camilleri informa lil Kunsill li kien lest li jorganizza kors tal-computer bħas-snin li għaddew. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta. |

| | |
|---|---|
| | . |
| 04/2328/06/I | **Digriet mil-President ta' Malta**<br><br>Il-Kunsill irċieva id-digriet tal-President ta' Malta biex tiġi akkwistata art fl-Isla. Dan l-avviż tqiegħed fin-notice boards tal-Kunsill. |
| 04/2337/04/I | **Rapport Bankini**<br><br>Il-Kunsill irċieva rapport ta' l-ispezzjonijiet li saru dwar is-sitwazzjoni tal-bankini fl-Isla. |
| 04/2346/06/I | **Ittra mis-Sindku ta' Mairie de Soleymieu**<br><br>Is-Sindku ta' Mairie de Soleymieu faħħar il-mod kif kienu milqugħa f'Malta u awgura li jsir partnership speċjalment fejn jidħlu studenti ta' l-iskola primarja. |
| 04/2352/06/I | **Ġbir ta' fondi Razzett tal-Ħbiberija**<br><br>Il-Kunsill ġie mistieden mil-ASKLM biex jipparteċipa billi jisponsorja log ħalli jintlaħaq record fil-Guiness Book of Records u fl-istess ħin jinġabru fondi għal din l-organizzazjoni. |
| 04/2360/06/I | **Ktejjeb ta' Ħrejjef Maltin.**<br><br>Il-Kunsill qabel li jordna kopji ta' dan il-ktejjeb (madwar 32 paġna biex jitpoġġa fil-librerija tal-Kunsill. Dan il-ktejjeb jiswa Lm10 |
| 04/2369/06/I | **Proġett Anna Lindth (Film for peace)**<br><br>Paragon Ltd. (Konsulenti għal Kunsill għal EU funding) informa lil Kunsill li l-applikazzjoni għal dan il-proġett ġie irrifjutat għax ma kienx hemm id-deskrizzjoni meħtieġa. Ser terġa issir applikazzjoni għad-deadline li jmiss. |
| 04/2370/06/I | **Kuntatti mar-Reppublika Ċeka**<br><br>Il-Konslu f'Malta tar-Reppublika Ċeka informa lil Kunsill li ġie elett Sindku ġdid fil-belt ta' Karlovy Vary li magħha il-Kunsill qed jippjana li jkollu koperazzjoni. Ġie suġġerit li il-Kunsill jipproponi dawk l-oqsma li jista' jkun hemm koperazzjoni reċiproka bejn iż-żewġt ibliet.<br><br>Il-Kunsill qabel li jħejji brief u jipproponi oqsma biex isiru proġetti iffinanzjati mill-fondi ta' l-Unjoni Ewropeja. |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/2401/06/I | **Flus dovuti lil Kunsill mil-Qualiticities**<br><br>Il-kordinatur tal-Qualiticities Benoit Stievenart informa lil Kunsill li it-talba tiegħu għar-refund ta' l-ispejjes ta' meta il-Kunsill ipparteċipa fil-konferenza ta' Arles u Evora sejjer ikun inqas minn dak li intalab. Dan qed isir skond il-ftehim.. |
| 04/2412/06/I | **Proġett Eurosportello Politiche Comuni**<br><br>Dan il-Kunsill ġie mistieden mir-Reġjun ta' Abruzzo biex jissieħeb f'dan il-proġett li sejrin japplika għal fondi mill-EU taħt il-programm ta' Culture 2007 – 2013. Id-data għal applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta' Frar 2007.<br><br>Il-proġett huwa dwar l-artiġjanat tal-bizilla.<br><br>Il-Kunsill qed jipprepara id-dokumenti mibgħuta biex jkun partner f'dan il-proġett. Il-co-financing huwa ta' 50%. |
| 04/2423/06/I | **Tnaqqis mill-Allokazzjoni għal servizz ta' IT**<br><br>Id-Dipartiment tal-Finanzi informa lil Kunsill li il-flus għaż-żamma tas-servizz ta' l-IT lil pubblikun mill-Kunsill ġew imnaqqsa direttament mil-allokazzjoni li il-Kunsill jirċievi kull tlett xhur skond il-ftehim li sar mal-Ministeru ta' l-Investimenti u it-Teknoloġija. |
| 04/2424/06/I | **Reserved Parking**<br><br>Il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni għat-talba ta' Francis Mizzi għal Reserved Parking. |
| 04/0001/07/I | **Talba għal użu tas-Sala tal-Kunsill**<br><br>Il-Kunsill approva it-talba ta' Katia Bonello għal party għat-tifel tagħha fit-3 ta' Ġunju 2007. |
| 04/0004/07/I | **Regolament dwar proċeduri għal Kunsilli Lokali**<br><br>Id-Dipartiment għal Gvern Lokali fis-27 ta' Diċembru 2006 informa lil Kunsill li ġie ippublikat dan ir-regolament. |
| 04/0015/07/I | **Tender Household Collection of Refuse and Commercial Waste**<br><br>Il-Kunsill irċieva kopja ta' tender li il-Kunsill Lokali Kalkara sejjer joħroġ għal pubbliku f'isem il-kunsilli tal-Birgu, Kalkara u Isla. |

| | |
|---|---|
| | |
| 04/0018/07/I | **Sewqan Eċċessiv fi Triq il-Vitorja**<br><br>Is-Supretendent Ray D'Anastasi wieġeb għal ilment tal-Kunsill (19 ta' Settembru 2006) u infurmah li qed isiru spezzjonijiet aktar mis-soltu. |
| 04/1019/07/I | **Talba għal użu ta' Ġnien il-Gardjola**<br><br>Il-Kunsill approva it-talba tas-Sur Patrice Peyre biex jagħme lit-tieġ tiegħu nhar it-28 ta' Lulju 2007. |
| 04/0023/07/I | **Karta ta' l-Identita'**<br><br>L-uffiċju Elettorali informa lil Kunsill permezz ta' l-avviż legali 1/2007 li dawk il-karti ta' l-identita' li skadew fl-2006 ġew awtomatikament imġedda sal-31 ta' Diċembru 2007. |
| 04/0025/07/I | **Stedina għal parteċipazzjoni New Epoc (Estonia)**<br><br>Is-Sindku Joseph Casha flimkien mas-Sindku ta' Bormla Joe Scerri ġie mistieden biex jieħu sehem f'konferenza fl-Estonia bejn it-22 u it-23 ta' Jannar 2007. Din l-istedina ġiet mill-uffiċċju tal-Membru Parlamentari Ewropew Onor. Joseph Muscat.<br><br>L-ispejjeż għal din il-parteċipazzjoni f'din il-konferenza sejrin jiġu irrifundjati mil-Kunsill Lokali ta' Southampton li qed jorganizza din il-konferenza f'dan il-proġett. |
| 04/0026/07/I | **Talba għal-użu tas-Sala tal-Kunsill**<br><br>Il-Kunsill approva din it-talba għal okkażjoni ta' magħmudija mil-familja Ilene Flask. |
| 04/2027/07/I | **Stedina għal Konferenza ta' l-Avec f'għeluq l-10 Anniversarju**<br><br>Il-Kunsill ġie mistieden biex jipparteċipa f'din il-konferenza f'Tours fi Franza bejn is-16 u is-17 ta' Marzu 2007.<br><br>Minħabba nuqqas ta' fondi il-Kunsill ma laqgħax din l-istedina biex jipparteċipa |
| 04/0029/07/I | **Applikazzjoni tal-Ground tal-Football Dawret ix-Xatt**<br><br>Il-Mepa bagħtet kopja ta' l-applikazzjoni oħra tal-Kunsill biex dan il-Ground jingħalaq b'fence ġdid. Application No. PA 07273/06 |

| | |
|---|---|
| 04/0031/07/I | **Użu tas-Sala tal-Kunsill**<br><br>Talba mis-sinjura Doris Abela biex tuża is-sala għal-okkażjoni ta' birthday party fl-20 ta' Jannar 2007. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| 04/0032/07/I | **Programm fuq Radju Kottoner 98Fm**<br><br>Il-Kunsill ġie mistieden biex jkollu programm ta' darba bħala parti mil-iskeda ta' programmi għal Kunsilli Lokali li sejrin isiru bejn l-10 ta' Jannar, is-7 ta' Frar u is-7 ta' Marzu 2007. Programm ta' nofs siegħa b'ripetizzjoni. Il-programm jiswa Lm15.<br><br>Il-Kunsill qabel li jieħu sehem. |
| 04/003/07 | **Ftuħ ta' Job Centre fil-Kumpless Aċċess**<br><br>Nhar l-Erbgħa 10 ta' Jannar 2007 is-Sindku Joseph Casha sejjer jkun mistieden għal din l-inawgurazzjoni. |
| 04/0042/07/I | **Talba għal użu tas-Sala mill-Ladies Circle ta' l-Isla**<br><br>Il-Kunsill approva l-użu tas-sala għal coffee morning mil-Ladies Circle ta' l-iskola primarja nhar is-17 ta' Jannar 2007 |
| 04/0043/07/I | **Talba għal użu tas-Sala tal-Kunsill**<br><br>Il-Kunsill approva it-talba tas-Sinjura Romina Perici Ferrante sabiex tuża is-Sala tal-Kunsill għal magħmudija tat-tifel. |

## 31 (3) Mistoqsijiet

Is-Sindku Joseph Casha ta' it-tweġiba tiegħu bil-miktub għal mistoqsija imressqa mil-Viċi Sindku Walter Ahar dwar il-laqgħat mal-Prim Ministru Lawrence Gonzi u il-Ministru Onor. Jesmond Mugliett. Kopja Mehmuża.

## 31 (4) Triq iż-Żewġ Mini

Mill-laqgħa li is-Sindku Joseph Casha kellu mal-Perit Lawrence Mintoff ġie ikkalkulat li il-Kunsill nefaq madwar Lm13,000 aktar minn dak li kien stmat fi Triq iż-Żewġ Mini. Dan minħabba li żdiedet il-parti li saret mill-Gardjola sa Triq San Filippu u li ma kienitx tagħmel parti mil-ftehim li sar ma l-ADT u lanqas ma kienet ikkwotata fit-tender tal-PADA. Dan jinkludi wkoll ir-resurfacing.

Mil-kalkoli li saru biex Triq iż-Żewġ Mini titkompla kollha bis-servizzi ta' l-ilma, pavimentar u u ir-resurfacing trid issir nefqa ta' madwar Lm24,000. Jekk issir Triq San Franġisk – Triq Sant'Anġlu u Triq id-Duluri resurfacing biss, in-nefqa tista' titla għal Lm30,000.

Is-Sindku ilmenta li jekk ma dan iżżid ix-xogħol li jrid jitwettaq b'mod speċjali il-ground tal-football żgur li il-finanzi li għandu il-Kunsill mhux biżżejjed u il-flus mil-kuntratt ta' l-ADT għar-resurfacing ma jkoprix l-ispejjeż kif ikkalkulati.

.Bħala miżuri biex jonqsu l-ispejjeż is-Sindku issuġerixxa lil kuntrattur biex jekk hu possibli jitħalla l-istess il-livell tal-bankini u biex is-side streets ma jsirux għalissa.

Il-kuntrattur huwa tal-fehma li ma jagħmilx sens li jsir patching għal żewġ raġunijiet, l-ewwel ħaġa għax jekk isiru aktar tard jkunu bir-rati għola minn tal-llum allura jaqbel għal Kunsill li jsiru issa fuq xogħol li jkun diġa sar. Dan jista' jwassal għal aktar ħsarat. It-tieni lok ma tagħmilx sens li terġa iddaħħal dawk l-inġenji il-kbar għal side street.

## 31 (5) Tender House Collection

Dan il-kuntratt qed jinħadem flimkien ma żewġ kunsilli oħra, dak tal-Birgu u dak tal-Kalkara. Dan il-kuntratt għalaq f'Diċembru ta' l-2006 u għalhekk il-Kunsill Lokali tal-Kalkara ħareġ it-tender. Din għalqet nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2007.

Dan il-Kunsill huwa tal-fehma li għandu jimxi fuq it-teżi li il-finanzjament tal-kuntratt għandu jinqasam ugwalment bejn it-tlett ibliet.

Il-Kunsill qabel li jikkunsidra kull applikazzjoni li tidħol u jiddeċiedi skond il-value for money.

## 31 (6) Tenders Sweeping, Bulky Refuse, Soft Areas, Parks & Gardens

Dawn il-kuntratti kollha jagħlqu fil-31 ta' Marzu 2007. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dawn għandhom joħorġu bħala tenders ġodda.

Is-Segretarju Eżekuttiv sejjer iħejji id-dokumenti meħtieġa biex issir Call for Tenders.

## 31 (7) Kumitat Konsultattiv

Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku biex jaħtru sotto kumitat biex jgħin fil-ħidma li hemm bżonn għal li ġej.

Dan is-sotto kumitat konsultattiv huwa magħmul mis-Sindku bħala Chairman, Vince Grech, Lawrence Mizzi, Lawrence Azzopardi, Victor Zarb, Joe Robinich, Joe Abela, Joe Xerri, Stephen Perici, Reno Chircop/Jason Marston u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

## 31 (8) Kumitat Qualiticities

Dan il-kumitat qed jitwaqqaf biex jgħin fit-twettiq tal-Good Practices indikati mill-Kunsill f'dan il-proġett. Aktar il-quddiem awdituri minn barra minn Malta maħtura mil-Kumitat tat-tmexxija tal-Proġett Qualiticities sejrin iwettqu audit tal-ħidma li tkun saret u li kienet proposta mill-Kunsill.

Dan il-kumitat sejjer ikun magħmul mis-Sindku Joseph Casha, Joe Abela, Joe Xerri, Christine Cutajar, Lawrence Mizzi, Joe Robinich, Louis Henwood u is-Segretarju Eżekuttiv Alphonse Zammit.

## 31 (9) Tiżjin ta' Gallarijiet

Għalkemm ma kien ebda applikazzjoni uffiċjali li intbagħtet lil Kunsill, ġie innutat li kien hemm madwar erbatax il-post madwar l-Isla li kien ġie mżejjen, xi wħud ma kienux gallarijiet.

Fl-opinjoni tal-Kunsill ma kienx hemm tiżjin aktar mis-soltu li kien isir fis-snin li għaddew. Għaldaqstant billi il-Kunsill ra li ma ntlaħaqx il-livell mixtieq, il-Kunsill iddeċieda li ma jgħati l-ebda punti u għaldaqstant ir-rigali ser jiġu mogħtija xorta waħda waqt l-attivitajiet tal-Kunsill li jsiru matul is-sena.

## 31 (10) Petizzjoni Residenti Triq is-Sur

Il-Kunsill irċieva ilmenti (kopja ta' l-ittra mehmuża) minn resident li joqgħod viċin Ġnien il-Gardjola, dwar ħsejjes qawwija ta' daqq fit-tard bil-lejl. Kien hemm is-suġġeriment li ssir petizzjoni.

Il-Kunsill ikkunsidra l-ilment u sar qbil li tintbagħat ittra dwar dan l-ilment lid-diriġenti ta' dan il-kumpless li jinsab faċċata ta' Ġnien il-Gardjola fuq in-naħa tal-Belt Valletta.

Skond it-tweġiba il-Kunsill jirreaġixxi.

## 31 (11) Proġett 'Meeting Citizens'

Is-Sindku Joseph Casha ippropona li fix-xhur li ġejjin il-Kunsill japplika għal Fondi mil-EU tal-Programm Culture 2007 – 2013 biex jiġu mistiedna pajjiżi mill-EU.(li kollha għandna koperazzjoni magħhom) biex fuq tema speċifika jiltaqgħu Malta għal tlett ijiem.

Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li għandu jsir feasibility study ta' kif dan jista' jsir.

Skond il-Paragon Ltd. għal proġett bħal dan il-fondi jvarjaw minn Lm2000 sa massimu ta' Lm20,000 (04/2314/06/I)

## 31 (12) Ħlas ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mil-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva ħlas ta' l-ammont ta' Lm13,100.81. Kopja tagħhom hija mehmuża ma dawn il-minuti.

Minħabba li ix-xogħol tal-Kunsill skond l-aġenda ġie eżawrit, il-laqgħa ġiet fit-tmiem fid-9.45pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |